

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Gävle Kraftvärme AB.

Konvenut: Länsstyrelsen i Gävleborgs län.

Domandi preliminari

- 1) Meta impjant għal ġenerazzjoni ta' l-enerġija elettrika u tas-sħana jkun jikkonsisti f'numru ta' *units* (fran), għandha d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/76/KE ⁽¹⁾, dwar l-inkinerazzjoni ta' skart, tiġi interpretata fis-sens li kull *unit* għandu jiġi kkunsidrat bħala impjant separat jew inkella fis-sens li l-ewvalwazzjoni għandha tkopri l-impjant għal ġenerazzjoni ta' l-enerġija elettrika u tas-sħana fit-totalità tiegħu?
- 2) Fid-dawl tad-Direttiva, impjant mibni għall-inkinerazzjoni ta' l-iskart iżda li huwa intiż prinċipalment għall-produzzjoni ta' l-enerġija għandu jiġi kklassifikat bħala impjant ta' inkinerazzjoni jew inkella bħala impjant ta' ko-inkinerazzjoni?

⁽¹⁾ ĠU L 332, p. 91.

Rikors imressaq fit-30 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-254/07)

(2007/C 170/29)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u D. Kukovec, bħala aġenti)

Konvenuta: Ir-Renju ta' Spanja

Talbiet

- tiddikjara illi r-Renju ta' Spanja, billi ma adottax id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali ⁽¹⁾, jew li almenu ma kienx ikkomunikhom lill-Kummissjoni, naqas mill-obbligi imposti fuqu skond id-Direttiva in kwistjoni;

— tikkundanna lir-Renju ta' Spanja jbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE fil-leġislazzjoni nazzjonali skada fil-31 ta' Jannar 2006.

⁽¹⁾ ĠU L 134, p. 1.

Appell imressaq fl-1 ta' Ġunju 2007 minn Tokai Europe GmbH kontra d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) fid-19 ta' Marzu 2007 fil-Kawża T-183/04, Tokai Europe GmH vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(Kawża C-262/07 P)

(2007/C 170/30)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Tokai Europe GmbH (rappreżentant: G. Kroemer, avukat)

Il-parti l-oħra fil-kawża: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fid-19 ta' Marzu 2007 fil-Kawża T-183/04 ⁽¹⁾ u tidkjara l-appell ammissibbli;
- sussidjarjament, tannulla d-digriet, imsemmi aktar 'il fuq, tal-Qorti tal-Prim'Istanza u terġa' tibgħat il-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza,
- tikkundanna l-Kummissjoni tbat l-ispejjeż ta' l-appell.